Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 195/21**
il-Lussemburgu, 9 ta’ Novembru 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-91/20
Bundesrepublik Deutschland

# Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil ma tipprekludix, bħala prinċipju, li Stat Membru jestendi awtomatikament, b’mod idderivat u għall-finijiet taż-żamma tal-unità tal-familja, l-istatus ta’ refuġjat lill-wild minuri ta’ ġenitur li jkun ingħatalu dan l-istatus

Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, LW, ta’ nazzjonalità Tuneżina, twieldet fil-Ġermanja fl-2017 minn omm Tuneżina, li l-applikazzjoni għall-ażil tagħha ma rnexxietx, u minn missier Sirjan, li fl-2015 ingħatalu l-istatus ta’ refuġjat. L-applikazzjoni għal ażil ippreżentata f’isem LW ġiet miċħuda permezz ta’ deċiżjoni tal-Bundesamt für Migration und Flüchtlinge (l-Uffiċċju Federali tal-Migrazzjoni u r-Refuġjati, il-Ġermanja).

Peress li ma rebħitx il-kawża quddiem il-qorti adita b’rikors kontra din id-deċiżjoni, LW ippreżentat appell għal *Reviżjoni* kontra s-sentenza ta’ din il-qorti quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja).

Il-qorti tar-rinviju tirrileva li LW ma tistax titlob l-għoti tal-istatus ta’ refuġjat abbażi ta’ dritt li huwa tagħha stess. Fil-fatt, hija tista’ tibbenefika minn protezzjoni effettiva fit-Tuneżija, pajjiż li hija għandha n-nazzjonalità tiegħu. Madankollu, LW tissodisfa l-kundizzjonijiet, previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali [1], sabiex tingħata, b’mod idderivat u għall-finijiet tal-protezzjoni tal-familja fil-kuntest tal-ażil, l-istatus ta’ refuġjat bħala wild minuri ta’ ġenitur li ngħatalu dan l-istatus. Skont din il-leġiżlazzjoni, għandu jingħata l-istatus ta’ refuġjat ukoll lil wild li twieled il-Ġermanja u għandu, permezz tal-ġenitur l-ieħor tiegħu, in-nazzjonalità ta’ pajjiż terz li fit-territorju tiegħu ma jkunx qed jiġi ppersegwitat.

Filwaqt li staqsiet jekk tali interpretazzjoni tad-dritt Ġermaniż hijiex kompatibbli mad-**Direttiva 2011/95** [2], il-qorti tar-rinviju ssospendiet il-proċeduri quddiemha sabiex tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 [3] u tal-Artikolu 23(2) [4] tal-imsemmija direttiva. Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, li tiddeċiedi fl-Awla Manja, tirrispondi li dawn id-dispożizzjonijiet **ma jipprekludux li Stat Membru, bis-saħħa ta’ dispożizzjonijiet nazzjonali iktar favorevoli, jagħti, b’mod idderivat u għall-finijiet taż-żamma tal-unità tal-familja, l-istatus ta’ refuġjat lill-wild minuri mhux miżżewweġ ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz li**

[1] F’dan il-każ, l-Artikolu 26(2) u (5) tal-Asylgesetz (il-Liġi dwar id-Dritt għall-Ażil), fil-verżjoni tagħha applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali. Dawn id-dispożizzjonijiet meħuda flimkien jipprevedu r-rikonoxximent, fuq l-applikazzjoni tiegħu, tal-wild minuri mhux miżżewweġ ta’ refuġjat bħala li huwa benefiċjarju ta’ protezzjoni internazzjonali meta l-istatus miksub mill-ġenitur tiegħu jkollu natura definittiva.

[2] Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta’ ċittadini nazzjonali ta’ pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9).

[3] Din id-dispożizzjoni tipprevedi l-possibbiltà, għall-Istati Membri, li jadottaw regoli iktar favorevoli sabiex jiġu deċiżi liema jkunu l-persuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-istatus ta’ refuġjat, u sabiex jiġi ddeterminat il-kontenut tal-protezzjoni internazzjonali, sa fejn dawn ir-regoli jkunu kompatibbli mad-direttiva.

[4] Din id-dispożizzjoni, li għandha l-għan li tiżgura ż-żamma tal-unità tal-familja tal-benefiċjarju ta’ protezzjoni internazzjonali meta l-membri tal-familja tiegħu ma jissodisfawx, individwalment, il-kundizzjonijiet neċessarji sabiex jibbenefikaw minn tali protezzjoni, tipprevedi l-estensjoni għall-imsemmija membri ta’ wħud mill-vantaġġi mogħtija lill-benefiċjarju.

**lilu jkun ġie rrikonoxxut dan l-istatus, inkluż meta dan il-wild ikun twieled fit-territorju ta' dan l-Istat Membru u jkollu, mill-ġenitur l-ieħor tiegħu, in-nazzjonalità ta' pajjiż terz ieħor li fih ma jkunx hemm riskju li jiġi ppersegwitat. Il-kompatibbiltà** mad-Direttiva 2011/95 ta' tali dispożizzjonijiet nazzjonali **tissopponi, madankollu, li l-wild ma jaqax taħt raġuni għall-esklużjoni msemmija f'din id-direttiva u li dan ma jkollux, permezz tan-nazzjonalità tiegħu jew element ieħor li jikkaratterizza l-istatus ġuridiku personali tiegħu, dritt għal trattament aħjar fl-imsemmi Stat Membru minn dak li jirriżulta mill-għoti tal-istatus ta' refuġjat**.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li wild li jinsab f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jissodisfax il-kundizzjonijiet sabiex jingħata, individwalment, l-istatus ta' refuġjat skont is-sistema stabbilita mid-Direttiva 2011/95.

Fil-fatt, mill-imsemmija direttiva jirriżulta li l-kwalità ta' refuġjat teħtieġ li jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet dwar, minn naħa, il-biża' ta' persekuzzjoni u, min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' protezzjoni kontra atti ta' persekuzzjoni mill-pajjiż terz li tiegħu l-persuna kkonċernata jkollha n-nazzjonalità. Issa, LW tista' tibbenefika minn protezzjoni effettiva fit-Tuneżija. Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, f'dan il-kuntest, li, skont is-sistema stabbilita mid-Direttiva 2011/95, applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ma tistax tintlaqa', individwalment, għas-sempliċi raġuni li membru tal-familja tal-applikant itenni biża' fondata ta' persekuzzjoni jew riskju reali ta' dannu serju, meta jiġi stabbilit li, minkejja r-rabta tiegħu ma' dan il-membru tal-familja u l-vulnerabbiltà partikolari li tirriżulta minn dan, l-applikant ma jkunx huwa nnifsu espost għal theddid ta' persekuzzjoni jew għal dannu gravi [5].

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li d-Direttiva 2011/95 ma tipprevedix l-estensjoni, b'mod idderivat, tal-istatus ta' refuġjat lill-membri tal-familja ta' refuġjat li, individwalment, ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' dan l-istatus. Fil-fatt, l-Artikolu 23 ta' din id-direttiva sempliċement jimponi fuq l-Istati Membri li jorganizzaw id-dritt nazzjonali tagħhom sabiex tali membri tal-familja jkunu jistgħu jitolbu, sa fejn dan ikun kompatibbli mal-istatus ġuridiku personali tagħhom, ċerti vantaġġi, li jinkludu l-għoti ta' permess ta' residenza jew l-aċċess għall-impjieg, li jkollhom l-għan li jżommu l-unità tal-familja. Barra minn hekk, l-obbligu għall-Istati Membri li jipprevedu l-aċċess għal dawn il-vantaġġi ma jestendix għat-tfal ta' benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali li jkunu twieldu fl-Istat Membru ospitanti ta' familja li kienet stabbilita fih.

Fit-tielet lok, sabiex jiġi ddeterminat jekk Stat Membru jistax madankollu jagħti, b'mod idderivat u għall-finijiet taż-żamma tal-unità tal-familja, l-istatus ta' refuġjat lil wild f'sitwazzjoni bħal dik ta' LW, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/95 jippermetti lill-Istati Membri jadottaw regoli iktar favorevoli sabiex jiddeċiedu min jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat, sa fejn dawn ir-regoli jkunu kompatibbli ma' din id-direttiva.

Tali regoli huma b'mod partikolari inkompatibbli mad-direttiva jekk ikunu intiżi li jirrikonoxxu l-istatus ta' refuġjat lil ċittadini ta' pajjiżi terzi mpoġġija f'sitwazzjonijiet nieqsa minn kull rabta mal-loġika ta' protezzjoni internazzjonali [6]. Issa, l-estensjoni awtomatika, b'mod idderivat, tal-istatus ta' refuġjat lill-wild minuri ta' persuna li tkun ingħatat dan l-istatus, indipendentement mill-fatt jekk dan il-wild jissodisfax jew le individwalment il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-imsemmi status u inkluż meta l-imsemmi wild ikun twieled fl-Istat Membru ospitanti, li huwa previst mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għall-finijiet taż-żamma tal-unità tal-familja tar-refuġjati, għandha rabta mal-loġika ta' protezzjoni internazzjonali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva, madankollu, li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet li fihom l-estensjoni awtomatika, b'mod idderivat u għall-finijiet taż-żamma tal-unità tal-familja, tal-istatus ta' refuġjat għall-wild minuri ta' refuġjat tkun, minkejja l-eżistenza ta' din ir-rabta, inkompatibbli mad-Direttiva 2011/95.

---

[5] Ara s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Ahmedbekova, C-652/16.
[6] Ara s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Ahmedbekova, C-652/16.

Għalhekk, minn naħa, ir-riżerva li tinsab fl-Artikolu 3 ta' din id-direttiva tipprekludi li Stat Membru jadotta dispożizzjonijiet li jagħtu l-istatus ta' refuġjat lil persuna li tkun eskluża minn dan taħt l-Artikolu 12(2) tal-imsemmija direttiva. Issa, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali teskludi tali persuni mill-benefiċċju tal-estensjoni tal-istatus ta' refuġjat.

Min-naħa l-oħra, ir-riżerva stipulata fl-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95 teskludi li vantaġġi mogħtija lill-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jiġu estiżi lil membru tal-familja tiegħu meta dan ikun inkompatibbli mal-istatus ġuridiku personali tal-imsemmi membru. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-portata ta' din ir-riżerva, li għandha tiġi osservata wkoll meta Stat Membru japplika regoli iktar favorevoli, adottati konformement mal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, li jgħid li l-istatus mogħti lill-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jiġi awtomatikament estiż lill-membri tal-familja tiegħu, indipendentement minn jekk jissodisfawx il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' dan l-istatus.

F'dan ir-rigward, ikun inkompatibbli mal-istatus ġuridiku personali tal-wild tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali li, individwalment, ma jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-kisba ta' din il-protezzjoni, li jiġu estiżi lilu l-vantaġġi msemmija fl-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95 jew l-istatus mogħti lil dan il-benefiċjarju, meta dan il-wild ikollu n-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti jew nazzjonalità oħra li tagħtih, fid-dawl tal-elementi kollha li jikkaratterizzaw l-istatus ġuridiku personali tiegħu, dritt għal trattament aħjar f'dan l-Istat Membru minn dak li jirriżulta minn tali estensjoni. Din l-interpretazzjoni tar-riżerva li tinsab fl-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95 tieħu inkunsiderazzjoni l-aħjar interessi tat-tfal, li fid-dawl tagħhom din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata u applikata.

F'dan il-każ, ma jidhirx li LW, minħabba n-nazzjonalità Tuneżina tagħha jew element ieħor li jikkaratterizza l-istatus ġuridiku personali tagħha, għandha dritt għal trattament aħjar fil-Ġermanja minn dak li jirriżulta mill-estensjoni, b'mod idderivat, tal-istatus ta' refuġjat mogħti lil missierha.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li l-kompatibbiltà mad-Direttiva 2011/95 tal-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali iktar favorevoli, bħal dawk inkwistjoni, għal sitwazzjoni bħal dik ta' LW, ma tiddependix mill-kwistjoni dwar jekk ikunx possibbli, għaliha u għall-ġenituri tagħha, li jistabbilixxu ruħhom fit-Tuneżija. Peress li l-Artikolu 23 ta' din id-direttiva huwa intiż li jippermetti lir-refuġjat igawdi d-drittijiet mogħtija minn dan l-istatus filwaqt li tinżamm l-unità tal-familja tiegħu fl-Istat Membru ospitanti, l-eżistenza ta' possibbiltà għall-familja ta' LW li tistabbilixxi ruħha fit-Tuneżija ma tistax tiġġustifika li r-riżerva li tinsab fil-paragrafu 2 ta' din id-dispożizzjoni tinftiehem bħala li teskludi l-għoti lil din tal-aħħar tal-istatus ta' refuġjat, peress li tali interpretazzjoni tkun timplika li missierha jirrinunzja għad-dritt għall-ażil mogħti lilu fil-Ġermanja.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*